**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 626/22 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 222/2002)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata C B nhar it-23 t'April ta' Marzu, 2002, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 222/2002;

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment minn ma' xulxin fl-24 ta' Gunju, 2011, permezz ta' kuntratt bonarju ta' firda personali in atti Nutar Dr Mariella Mizzi, kopja tal-kuntratt tal-firda personali qieghda tigi hawn unita;

3. Illi illum 'il gurnata ddekorrew ghaxar snin mid-data tal-istess firda personali tal-partijiet u effettivament ma tezisti ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn ir-rikorrenti intimata; u 1

4. Illi mill-imsemmi zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal bl-isem ta' D E li twieled nhar it-30 t'April 2002 u F G li twieldet nhar is-6 t'Awwissu, 2005;

5. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost minkejja li gew stipulati obbligi alimentari versu t-tfal kif ukoll l-intimata, ma tezisti ebda lanjanza f'dan is-sens bejn l- istess partijiet;

6. Illi in vista ta' dan premess jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghall-halla taz- zwieg u ghall-otteniment ta' divorzju bejn l-istess partijiet.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(a) Tiddikjara liz-zwieg taghhom hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi; u

(b) Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal- partijiet u biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Dicembru 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-procedurita;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi biex zwieg jigi maħlul u dan peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mill-24 ta' Gunju 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.